Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAL-WIEĦED U ĦAMSIN LAQGĦA TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il-Erbgħa, 14 ta' Settembru 2011

**Ħin:** Mis-5.48pm sas-7.20pm

**Prezenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur J. Cassar
Is-Sur Guido Borg
**Skużat:** Il-Kunsillier Trevor De Giorgio

Il-Viċi-Sindku ħa s-siġġu u l-laqgħa bdiet peres li s-Sindku kien għadu ma wasalx.

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill emajl li ġġib id-data tas-7 ta' Settembru 2011 mingħand il-Kunsillier T. DeGiorgio fejn informa lill-Kunsill illi ser ikun imsiefer fuq xogħol u ma jistax jattendi għal-laqgħa (mehmuza).

**1. <u>Mozzjoni biex tinbidel l-ordni tax-xogħol.</u>**

Il-Kunsillier G. Borg li kien issekondat mill-Kunsillier J. Cassar għamel możżjoni biex tinbidel l-ordni tax-xogħol biex tiġi diskussa *item* 10 ta' l-agenda qabel xogħol ieħor. Il-mozzjoni għaddiet unanimament u l-Kunsill għadda biex jiddiskuti *item* 10 ta' l-*agenda*.

**2. <u>Deċizjoni dwar applikazzjonijiet għal-imwejjed u siġġijiet fi Triq il-Kbira quddiem Old Smuggler Pub.</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi r-riżultat ta' konsultazzjoni mar-residenti li joqgħodu fi Triq il-Kbira bejn Triq San Frangisk u l-Wied ta' Ħal Balzan, fuq iż-żewġ naħat tat-triq, dwar applikazzjonijiet għal-permess biex jitqiegħdu mwejjed u siġġijiet fuq propjeta pubblika quddiem *Old Smuggler Pub* kien li tminn residenti joġġeżżjonaw u seba' residenti ma joġġeżżjonawx li jinħareġ dan it-tip ta' permess. Hija ma pprezentatx il-*file* sabiex ir-risposti ta' dawk li taw risposta jinżammu kunfidenżjali. Fuq il-medja tal-Kunsill tqiegħdet kopja tas-sentenza tal-qorti li ġiet ippreżentata minn resident dwar il-kawza li kien hemm meta nħarġu mwejjed u siġġiet (mehmuza).

Il-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Kunsillier G. Borg propona li l-Kunsill ma joħroġx permessi biex jitqiegħdu mwejjed u siġġijiet fil-kaz li l-applikant japplika peres li l-maggoranza tar-residenti ma taqbilx li jinħarġu dawn il-permessi. Il-mozzjoni għaddiet unanimament. Il-Kunsill talab li kopja ta' din id-deċizjoni tingħata lis-sid ta' l-istabbiliment.

**F'dan il-ħin wasal is-Sindku li ħa siġġu u l-laqgħa tkompliet.**

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Ħamsin laqgħa tas-Sitt Kunsill.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tal-Ħamsin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 3 ta' Awwissu 2011 (mehmuza). Kopja tal-minuti ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Minuti tal-Ħamsin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 3 ta' Awwissu 2011 kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier J. Cassar. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv ffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 4. Mill-Minuti.

1. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi d-ditta MP&DC Ltd kienet interessata tipprovdi s-servizz ta' perit fuq il-proġett għall-*embellishment* tal-Wied ta' Ħal Balzan u kienu ssottomettew kwotazzjoni (mehmuza) biex japplikaw għal-fondi UIF għan-nom tal-Kunsill u jagħmlu supervizjoni u ċertifikazzjoni tax-xogħol. Il-Kunsill unanimament approva l-kwotazzjoni u talab li d-ditta tissottometti l-applikazzjoni kemm jista jkun malajr.

2. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi qabel din il-laqgħa tal-Kunsill ingħatat direttiva mis-Sindku u numru Kunsillieri permezz ta' l-emajl biex tissottometti l-applikazzjoni għal-Kunsill Lokali Żgħażagħ Ħal Balzan peres li d-data ta' l-għeluq kienet il-31 ta' Awwissu 2011. Hija nnutat li permess ta' din l-applikazzjoni l-Kunsill kien qed jintrabat li jekk jintgħażel il-proġett propost mill-Kunsill Lokali Żagħżagħ il-Kunsill ikun obbligat li jiffinanżja l-ispejjes sa massimu ta' €2,500. Il-Kunsill unanimament approva d-deċizjoni li ttieħdet qabel il-laqgħa.

3. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-Kunsill għadu qed jirċievi ħafna ilmenti dwar is-servizz ta' l-Arriva speċjalment mir-residenti taċ-ċentru tar-raħal li jridu jmorru lejn il-Belt u speċjalment meta jkun hemm l-għargħar peres li ma jkunux jistaw jaqsmu għal-Triq in-Naxxar. Il-Viċi-Sindku s-Sur J. Galea informa lill-Kunsill illi talab laqgħa mat-Transport Malta u ser iġibu karozza tal-linja biex jaraw jekk din iddurx fi Triq Sant'Antnin. Is-Sindku nnota li qabel bdiet taħdem il-karozza ż-żgħira l-kbira kienet qed taħdem u ma kienx hemm problema biex iddur.

4. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-Bord ta' l-Evalważżjoni għal-post ta' Segretarju Ezekuttiv għamel l-intervisti imma hija ma ngħatatx ir-rapport, minkejja li talbitu, għaldaqstant ma għamlitx l-*item* fuq l-agenda għad-diskussjoni. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-Kumitat ta' l-Evalwazzjoni għamel *shortlisting* ta' ħames persuni fuq bazi ta' kwalifiċi, esperjenza u intervista u wara li dawn ġew intervistati n-numru niżel għal-żewġ kandidati. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-Kumitat ta' l-Evalwazzjoni ser iħejji rapport biex jippreżentaħ lill-Kunsill biex jieħu deċiżjoni meta l-Kunsillieri kollha jkunu prezenti. Miż-żewġ persuni li ġew *shortlisted* wieħed għandu esperjenza f'Kunsill Lokali u fuq proġetti ta' l-EU u l-ieħor għadu qed jistudja u għandu possibiltajiet.

5. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi wara li hija ngħatat informazzjoni dwar l-applikazzjonili saret lill-MEPA dwar dar ta' l-anzjani fi Triq Birbal kantuniera ma Triq il-Kannizzata, hija bagħtet ittra lill-MEPA biex titlob li jsir *traffic impact assessment* qabel ma jinħareġ il-permess.

6. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi Transport Malta tat l-approvazzjoni li titneħħa l-*bus shelter* li hemm fi Triq Guże Bonnici u hija talbet lill-Viċi-Sindku biex din titneħħa mill-ħaddiema tal-Kunsill.

7. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi hija nfurmata li l-Kumitat Reġġjonali ser jirreferi l-kwistjoni dwar *Subsidiary Legislation 65.13 "Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations*" lill-Gvern Ċentrali. Sadanittant illum ġejna nfurmati minn resident li l-karozza li kien hemm fi Triq Karenza tneħħiet, kif tneħħiet ma nafux.

8. Il-Viċi-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv tirranġa biex għal-nhar il-Ġimgħa fis-6.30am jinkera trakk biex ibattal l-istore mill-imbarazz li nġabar.

## 5. <u>Korrispondenza.</u>

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill xi korrispondenza li waslet bejn l-4 ta' Awwissu 2011 u l-14 ta' Settembru 2011 u rapport tal-korrispondenza li ġiet ipprezentata li ġġib id-data ta' l-14 ta' Settembru 2011 (mehmuz).

**Ittra Numru 917/11:** L-ittra tal-perit fir-rigward ta' propjeta 57-60 fi Triq il-Kbira ġiet innutata.

**Ittra Numru 914/11:** L-ittra mid-Dipartiment tal-Kura Primarja dwar l-vaċċin ta' l-Influenza ġiet innutata.

**Ittra Numru 907/11:** L-ittra ta' konsultazzjoni mill-MEPA dwar *UCA Street Classification Exercise Public Consultation*. Kopja ta' l-ittra ta' konsultazzjoni ser titqiegħed fin-*noticeboard*. Il-Kunsill talab li tinġibed l-attenzjoni tal-MEPA għal fatt li parti minn Triq il-Kbira bejn Triq il-Kbira Ħal Lija u Triq Robert Mifsud Bonnici mhiex immarkata ma Ħal Balzan meta din taqa f'Ħal Balzan.

**Ittra Numru 905/11 u 844/11:** Il-ftehiem u l-ewwel ċekk ta' nofs is-somma tal-*Co-financing* li jammonta għas-somma ta' €21,639.24 ġew innutati.

**Ittra Numru 903/11:** L-ittra dwar *Consultation Draft* of the *National Environment Policy* ġie nnutat.

**Ittra Numru 900/11:** L-ittra tal-Kumitat Konġunt biċ-ċekk ta' €1592.97 bħala rifużjoni mis-sistema tal-*pooling* ġie nnutat.

**Ittra Numru 867/11:** L-ittra tal-MEPA dwar Skedar ta' Projeta' fir-rigward tal-Knisja Parrokkjali ġiet innutata.

**Ittra Numru 854/11:** L-ittra ta' Transport Malta dwar Rotta Ġdida numru 54 ġiet innutata.

**Ittra Numru 845/11:** Memo 77/2011 dwar Ħruġ ta'Riċevuti Fiskali mill-Kunsilli Lokali ġiet innutata.

**Ittra Numru 813/11:** Il-permess li nħareġ minn Transport Malta dwar *parking bay* fi Triq Valent Muscat ġie nnutat.

**Ittra Numru 802/11:** Memo 69/2011 li nħareġ mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar Strategija Nazzjonali ta' Taħriġ ġie nnutat. Is-Sindku nnota li ser ikun imsiefer.

## 6. Rapport dwar Sustainable Energy Action Plan - SEAP.

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill, ir-rapport SEAP li ġie ppreparat minn Dconsulta Ltd (mehmuz) li ngħata lilna l-ġimgħa li għaddiet wara li kienet ġibdet l-attenzjoni li ma stajniex nipprintjawħ.

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi hija ma ngħatat l-ebda *feedback* mill-Kunsillieri dwar id-dokument, għaldaqstant hija ma bagħtet xejn lill-DConsulta. Il-Kunsillier G. Borg innota li huwa ta' *feedback* li d-dokument huwa wieħed komprensiv, fiħ ħafna xogħol u jissuġġerixxi li jinħatru tlieta minn nies biex jaħdmu fuq il-proġett.

Ir-rapport SEAP kien propost għall-approvazzjoni mill-Kunsillier G. Borg li kien issekondat mis-Sindku. Ir-rapport ġie approvat unanimament.

## 7. Diskussjoni dwar l-offerti li ntefgħu fir-rigward tal-*Project Administrator* fuq il-Proġett ERDF 205 "Regenerating Balzan square and Implementing a Tourist Heritage Trail".

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' l-offerti u l-*file* bl-offerti li ntefgħu fir-rigward tal-Project Administrator (mehmuza).

Il-Kunsill unanimament qabel li ma jallokax l-offerta peres li s-somma annwali mitluba hija għolja wisq u t-*tenderer* ma għandux il-kwalifi mitluba.

Il-Kunsill unanimament qabel li jerġa joħroġ sejħa għall-offerti mill-ġdid.

## 8. Approvazzjoni tad-dokumenti għal-ħruġ ta' kwotazzjonijiet għal-*Street furniture*.

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill d-dokument li ppreparat għal talba għal-kwotazzjonijiet għal-*advertising panels* u *traffic barriers* (mehmuz).

Il-Kunsill unanimament qabel li *display boards* jsiru fil-pjazza ħdejn il-kaxxa tal-posta, ħdejn Villa Madama, ħdejn Balzan Pasta Factory, ħdejn it-*traffic lights* fi Triq l-Imdina u fi Triq Dun Spir Sammut kantuniera ma Triq Guze Bonnici.

Id-dokumenti ġew approvati unanimament b'emenda biex flok ħames *display boards* isiru sitta.

## 9. Approvazzjoni tad-dokumenti għal-ħruġ tal-offerta għal-xogħolijiet fuq il-Proġett ERDF 205 "Regenerating Balzan square and Implementing a Tourist Heritage Trail".

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill id-dokument ta' l-offerta li ġie ppreparat mill-Perit Bezzina (mehmuz) liema dokument kien ippubblikat nhar it-Tnejn, 12 ta' Settembru 2011 fuq insistenza tas-Sindku u l-Kunsillier T. DeGiorgio, l-emajls b'din l-ordni ġew imqiegħda fuq il-mejda tal-Kunsill (mehmuza) u kkuppjati dakinhar stess lill kull kunsillier. Hija nnutat li d-dokumenti ta' l-offerta li ġew ippreparati mill-perit kien fihom żbalji jew artikli li xtaqet li jiddaħħlu u li baqaw ma ġewx imwettqa minkejja l-insistenza tagħha li dawn jiġu kkorreġuti. Hija nfurmat lill-Kunsill li kitbet lill-Perit Bezzina li ser tippubblika d-dokumenti kif inhuma minħabba fl-urġenza u huwa ser jinżamm responsabbli għad-danni li jista jsofri l-Kunsill konsekwenza ta' dawn id-dokumenti. Hija nnutat li d-dokumenti kienu ngħataw lilha 84 ġurnata wara d-data niftiehma u meta suppost li x-xogħol fuq il-proġett diġa kien inbeda skond il-ftehiem mal-PPCD u għaldaqstant ma kienet ser tieħu l-ebda responsabilita' għal-kontenut u l-atteġġjament tal-persuni msemmija ma kienx professjonali u għaldaqstant mhux aċċettabbli. Hija nfurmat lill-Kunsill li d-Dipartiment ġie nfurmat b'dan. Is-Sindku u il-Kunsillier Trevor

Degiorgio irrimarkaw li kulħadd għandu dritt għal opinioni imma li ma tawx kaz ma' kienx korrett u li kulhadd ta' sehmu.

**10. Approvazzjoni ta' l-applikazzjoni: Skema ta' Finanzjament għal Titjib fil-*Playing Field*.**

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill l-istima tal-*fence* tal-*Playing Field* li ġiet mitluba biex inkunu nistgħu nissottomettu l-applikazzjoni skond Memo 66/2011 (mehmuza).

Il-Kunsill unanimament qabel li japplika għal-fondi taħt l-iskema u ser jitlob is-somma ta' €10,000. Ix-xogħol ser isir bejn Jannar 2012 u Frar 2012. Is-Segretarju Ezekuttiv għandha toħroġ sejħa għall-offerti biex isir ix-xogħol.

**11. Kommunikazzjoni tas-Sindku.**

1. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-risposta li ngħatat mill-Kunsill Lokali Ħ'Attard dwar kemm ġiet tiswa l-istallazzjoni ta' *solar zebra-crossing (*mehmuza*)*.

2. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi ser ikollu laqgħa dwar is-serviżż tal-gwardjani lokali wara li jiġi mis-safar. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-Kumitat Reġġjonali Ċentrali mhux ser jipprovdi serviżż ta' gwardjani lokali ma l-iskejjel minħabba li l-ispejjes żdiedu ħafna.

3. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-Kumitat Reġjonali Ċentrali ser japplika għal-fondi biex iz-*zebracrossings* isiru bis-*solar lighting* u l-*playing fields* ukoll.

4. Il-Kunsillier G. Borg informa lill-Kunsill illi meta l-Kunsillier T. DeGiorgio ma jkunx jista jattendi laqgħat għal-*Project Leader* fir-rigward ta' Fondi ta' l-ERDF 205, kien ser jattendi hu jekk ikun jista.

5. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-iskrivana tal-Kunsill, is-Sinjorina Doriette Farrugia bdiet taħdem bħala skrivana *full-time* mal-Kunsill mill-1 ta' Settembru 2011. Huwa nforma lill-Kunsill illi ħa din id-deċiżjoni wara li sar jaf li kienet applikat biex tmur skrivana *full-time* mal-Kunsill ta' Birkirkara. Il-Kunsill unanimament approva d-deċiżjoni li ttieħdet. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ittra ta' ħatra li turi l-ħinijiet tax-xogħol l-ġodda ta' l-iskrivana (mehmuza) li ġew approvati unanimament.

**12. Rapport dwar l-ilmenti.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed ir-rapport ta' l-ilmenti pendenti li jġib id-data ta' l-14 ta' Settembru 2011 (mehmuz).

**Ilment Numru 17011019151075:** Talba biex tiqiegħed mera fi Triq P. P. Castagna kantuniera ma Triq l-Imdina ġiet milqugħa.

**Ilment Numru 17011062151395:** Talba biex isir *traffic management* fi Triq B. Bontadini kantuniera ma Triq il-Kannizzata u fi Triq Qarċilla kantuniera ma Triq San Frangisk ser tiġi studjata u tingħata risposta lill-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

**Ilment Numru 17011024151477:** Talba biex terġa titqiegħed il-lampa li tneħħiet minn Triq il-Kbira quddiem id-dar "Trinidad". Il-Kunsill innota li jrid jara fejn tista titqiegħed sakemm jerġa jinbena l-post li qed jiġi żviluppat.

**13. Approvazzjoni biex isir il-ħlas.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data ta' l-14 ta' Settembru 2011 (mehmuza) li tammonta għas-somma ta' €16,831.80.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

Il-Viċi-Sindku staqsa x'kontijiet kien hemm pendenti mill-attivita' Festa Frott. Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li l-kontijiet kollha tħallsu imma kien hemm kont li l-Kunsill kien iddeċieda li ma jħallasx għax ma kienx infurmat bih imma l-kuntrattur kien qed jikkontestah.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kellmu s-Sindku ta' Ħ'Attard dwar il-kontijiet pendenti dwar *dismantling of area* u *tableclothes* u infurmah illi li ġara kien li l-arja kellha tiġi zarmata nhar it-Tnejn mill-ħaddiema taż-żewġ Kunsilli imma rapprezentanti ta' l-Uffiċċju tal-President insistew li l-arja titnaddaf wara l-attivita allura l-kordinatur tkellem miegħu u hu qallu biex inaddaf l-arja bil-ħaddiema tiegħu. Il-Kunsill unanimament qabel li wara li kkunsidra ċ-ċirkostanzi kien ser ibiddel id-deċiżjoni oriġinali tiegħu biex ma jħallas u kien ser jaċċetta li l-ispejjes jinqasmu bejn iż-żewġ Kunsilli.

**14. Affarijiet Oħra.**

Il-Kunsillier G. Borg innota li l-applikazzjoni għall-attivita' tas-sena d-dieħla ntbagħtet u mhux ser jitqabbad kordinatur u l-attivita' ser issir fil-parti pubblika tal-Ġonna ta' San Anton.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Erbgħa, 5 ta' Ottubru 2011 fil-5.30pm.

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

**Ms. M. Zammit**
Segretarju Ezekuttiv

Data